MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 221/2004

Kawza fil-lista: 23

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet:

Premess illi l-kontendenti izzewgu fit-tmintax ta' Dicembru, elf disa mija u erbgha u disghin, (18.12.1994) (Dok A) u minn dan iz-zwieg twildulhom zewgt ulied, D u E ahwa B li llum ghandhom disa' (9) u hames (4) snin rispettivament (Dok B u C);

Premess illi l-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront ta’ l-attrici martu u tal-qraba taghha, inkluz ulied il-partijiet fuq imsemmija, ta’ eccessi, minacci, sevizzji u ingurji gravi b’ mod li rrenda impossibli l-hajja konjugali bejniethom;

Premess illi inoltre l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet hija impossibli minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru bejn il-kontendenti;

Premess illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali ad mensa et thoro, skond digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti nhar is-sitta u ghoxrin ta’ Mejju, 2004, fl-atti ta’ l-ittra numru 173/2004 hawn anness u mmarkat bhala Dok D;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ad mensa et thoro bejn il-partijiet minhabba eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi li l-imsemmi C B ikkommetta kontra martu u l-qraba taghha inkluz uliedhom u/jew minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru bejn il-kontendenti;

2. Tafda l-kura u kustodja ta’ uliedhom minuri D u E ahwa B f’ idejn l-attrici ommhom fl-ahjar interessi ta’ l-istess minuri;

3. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici, ghaliha u ghal uliedhom minuri D u E ahwa B dak il-manteniment li joghgobha tiffissa din il-Qorti skond il-bzonnijiet ta’ l-attrici u l-minuri u l-mezzi ta’ zewgha, liema manteniment ghandu jithallas direttament lill-attrici mill-employer tal-konvenut minn zmien ghal zmien wara li jitnaqqas mis-salarju tal-konvenut;

4. Tiddikjara xolta l-kommunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f’ zewg pozjonijiet mhux necessarjament ugwali b’ tali mod li, jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-

hila ta’ l-attrici u dan minn data li tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ta’ lok li ssir din is-sepaarazzjoni;

5. Tassenja z-zewg porzjonijiet, wahda lill-attreici u l-ohra lill-konvenut bin-nomina okkorrendo ta’ perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma, u nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

6. Tordna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-effetti kollha parafernali tal-attrici, inkluz flejjes li kellha l-attrici qabel ma izzewget, li jinsabu fil-pussess tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi mid-data tad-digriet sa April 2005 il-partijiet kienu irrikonciljaw u kienu qed jikkoabitaw flimkien bhala mizzewgin kif jista’ jigi ppruvat.

2. Illi t-talba ghas-separazzjoni personali ma tistax tigi attribwita lill-konvenut ghaliex ma kkommetta l-ebda eccessi, sevizzji, minacci u lanqas ingurji gravi.

3. Illi ma jistax jintalab manteniment ghall-ulied peress illi l-omm mhux qed tidher ghan-nom taghha f’ din il-kawza u lanqas huma parti f’ din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avukat Dottor Mark Chetcuti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni personali**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kap.16 attribwibbli unikament lill-konvenut; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali.

Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jichad dak allegat fil-konfront tieghu minn naha attrici relattivament ghall-fatturi indikati fl-Artikolu precitat; jghid li mid-data tad-digriet tas-26 ta’ Mejju 2004 sa’ April 2005 kien hemm rikonciljazzjoni b’ mod li l-partijiet regghu bdew jikkoabitaw flimkien bhala mizzewwgin; inoltre, jeccepixxi li, peress li l-minuri mhumiex parti fil-kawza, it-talba ghal manteniment ghalihom hija nsostenibbli legalment.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-18 ta’ Dicembru 1994 meta allura l-attrici kellha 19 il-sena u l-konvenut kellu 35 sena, u wara li l-attrici kienet harget tqila bl-ewwel wild tal-koppja. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal, D u E li ghadhom minorenni.

Wara tmien snin ta’ konvivenza matrimonjali, l-attrici telqet mid-dar flimkien maz-zewg uliedha, u marret tghix go shelter ta’ l-Appogg, u sussegwentement kriet appartament u marret tghix ghar-rasha. Jidher li fil-mori tal-proceduri kien hemm tentattiv ta’ rikonciljazzjoni li fih il-partijiet regghu ghamlu zmien jghixu flimkien sa April 2005, izda l-attrici regghet telqet mid-dar flimkien mat-tfal taghha.

Il-versjoni attrici, li hi korroborata mill-affidavits ta’ membri tal-familja taghha, hija fis-sens li l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar ghax ma kienitx felhet aktar it-trattament tal-konvenut li kien xhih maghha u kien ihalliha nieqsa mill-flus, u wkoll kien jumiljaha, anke quddiem in-nies, b’diskors dispreggjattiv, kif ukoll bil-karattru dominanti u possessiv tieghu[1]. Hija kienet tatu cans iehor wara li

[1] Aff. Attrici para.12 u 13 – fol.30

ppromettihiela li kien ser jbiddel l-atteggjament tieghu fil-konfront taghha, izda l-konvenut ma zammx kelmtu u reggha ghal li kien;  b’ hekk regghet giet kostretta titlaq mid-dar.

Minn naha tieghu, il-konvenut isostni li ghadu sallum ma jafx ghal liema raguni martu telqet mid-dar. Huwa jsostni li mhux minnu li kien ihalliha nieqsa mill-flus, izda kien jikkontrolla l-flus li kien jaghtiha peress li skond hu l-attrici kienet tberbaq il-flus. Huwa kien jemfasizza maghha l-bzonn li tibza ghal flus, stante li kien waqaf mix-xoghol ghar-ragunijiet ta’ sahha u kienu qed jghixu bl-assistenza socjali.

Illi din il-Qorti, wara ezami ta’ l-atti, hija propensa li tikkondividi l-konsiderazzjonijiet maghmula, u l-konkluzjonijiet raggunti, mill-perit legali f’ dan ir-rigward u cioe’ li l-konvenut kien jhalli lill-attrici nieqsa mill-flus biex tkun tista’ tmantni l-familja, inkluza z-zewg uliedhom;  kif ukoll li l-konvenut kien dominanti u possessiv u fil-konfront ta’ l-attrici,  u kien jumiljaha bid-diskors u bl-imgieba tieghu; u dan sa tal-grad li l-attrici ma felhitx tghix aktar mieghu.

Hija flokha l-osservazzjoni tal-perit legali: “L-esponent isibha difficli jemmen lill-konvneut li ma jafx x’ wassal ghal ksur fiz-zwieg. Hadd ma jaghmel xejn ta’ xejn. Il-kontendenti kellhom zewgt it-tfal u l-attrici telqet bihom u ghamlet zmien difficli hafna tghix f’dar ta’ l-Appogg. Zgur li ma kienitx ghazla ta’ l-attrici li tabbanduna d-dar matrimonjali ghal xejn b’ xejn.” [fol.105]

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li f’ dan il-kaz jikkonfiguraw is-sevizzi u l-ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu l-attrici sa tal-grad li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, u ghal dan huwa risponsabbli biss il-konvenut.

**Rikonciljazzjoni**

Illi l-konvenut fl-eccezzjoni tieghu jeccepixxi li fil-mori tal-proceduri, sa April 2005, kien hemm rikonciljazzjoni bejn il-paritijiet u ghalhekk il-proceduri odjerni, jew il-

prosegwiment taghhom, mhumiex aktar legalment insostenbbli.

Din l-eccezzjoni ssib il-bazi legali taghha fid-dispost ta’ l-Artikolu 64 li jistipula li il-fatt li l-konjugi mifrudin jergghu jghammru flimkien minn rajhom, dan igib mieghu l-ghaqda taghhom mill-gdid. In propositu l-Qorti tosserva li sabiex ikun hemm verament rikonciljazzjoni li twaqqaf l-effetti tas-separazzjoni personali, il-partijiet li jiddecidu jergghu jghammru flimkien iridu jkunu t-tnejn in buona fede, b’ mod li jekk parti, biex tevita l-effetti ta’ separazzjoni personali jew twaqqaf il-proceduri li jkunu ghaddejjin, tipprometti li tbiddel il-komportament taggha, u tipproponi r-rikonciljazzjoni minghajr l-intenzjoni genwina li fil-fatt ser tinbidel, dan ma jwassalx ghar-rikonciljazzjoni fit-termini ta’ l-Artikolu precitat, izda fil-minimu tieghu ghal sitwazzjoni ta’ tentattiv ta’ rikonciljazzjoni, u fil-massimu tieghu ghal-sitwazzjoni li sehhet minhabba qerq da parti ta’ wahda mill-partijiet fil-konfront tal-parti l-ohra, biex tinduci lil parti l-ohra twaqqaf il-proceduri.

Jinsab ritenut fil-gurisprudenza li “biex ikun hemm rikonciljazzjoni bejn il-mizzewwgin, hemm bzonn li dawn ikunu jridu, u juru bil-fatti li jridu, jikkostruwixxu l-hajja konjugali u jirrikompnu dik il-komunanza ta’ affetti, sentimenti u nteressi li jikkostitwixxu l-essenza ta’ dik il-hajja; u ghalhekk m’ ghandhiex titqies bhala rikonciljazzjoni l-fatt tas-semplici unjoni tal-mizzewwgin, meta jkun segwit minn dissidji u minn firda ohra. Iz-zmien li l-mizzewwgin ikunu qaghdu flimkien qabel ma regghu nfirdu m’ ghandux importanza deciziva; u r-rikonciljazzjoni, bhala rinunzja ta’ drittijiet m’ ghandhiex tigi prezunta. F’ kaz ta’ dubju ghandha tigi skartata, jew, fl-aghar ipotesi ghandhu jifthiem li kien hemm biss tentattiv ta’ rikonciljazzjoni. Xejn ma jiswa’ li l-mizzewwgin ikollhom relazzjonijiet intimi fiz-zmien li jkunu regghu marru flimkien, ghaliex jibqa’ dejjem li ma jkunx hemm dik l-intenzjoni serja li jergghu jistabilixxu l-konvivienza konjugali fil-paci u fil-konkordja, li huma l-essenza tar-rikoncilljazzjoni” *[PA[AM] Dolores Zammit vs Gio Maria Zammit [ deciza 17.02.1961, u vide kasitika citata].*

Il-fatt tal-koabitazzjoni mhux bizzejjed, imma hemm bzonn li dan il-fatt jigi nterpretat, jigifieri jekk kienx semplici esperiment jew rikonciljazzjoni effettiva. *[PA[WH] Salvatore Cascun vs Carmela Cascun deciza 04.04.1946].*

Fil-kaz in disamina, il-konvenut fid-dikjarazzjoni tieghu jghid: "Fil-fatt minn Awissu 2004 regghet marret lura d-dar u kien hemm diskors illi hija kellha twaqqa' kwalunkwe att gudizzjarju illi kien sar, izda fil-fatt jidher li dan ma sarx." [fol.21]; u fl-affidavit taghha l-attrici tghid hekk: "Meta l-konvenut ra li jiena kont konvinta mid-decizjoni li kont hadt, hu beda jwieghdni li kien ser jibdel l-attitudini tieghu lejja, u kien ser jibda jahdem. Jien hsibt li l-konvenut kien genwin f' diskorsu u ghalhekk f' Awissu 2004 jien irritornajt fid-dar konjugali. Irrizulta pero' li zewgi ma zammx kelmtu u wara ftit taz-zmien rega lura ghal li kien, u ta' xejn ghamilt l-almu tieghi biex nipprova nipperswadih jibdel hajtu. Illi ghalhekk ma flahtx aktar nghix mieghu…" [fol.31][2].

Mill-premess il-Qorti wasslet ghall-konkluzjoni li l-weghda li l-konvenut kien ghamel lill-attrici sabiex ibiddel hajtu [fil-konfront] taghha, saret meta hu ra li hi kienet deciza li tkompli bil-proceduri gudizzjarji, u l-weghda li kien ghamel ma kienet xejn aktar hlief manuvra biex hi tiddesisti milli tkompli bil-proceduri. Dan jispjega ghaliex mal-weghda tieghu kien hemm "diskors illi hija kellha twaqqa' kwalunkwe att gudizzjarju" liema weghda ma zammhiex u skond l-attrici rega' gie ghal li kien bir-rizultat li kienet kostretta terga' titlaq mid-dar f' April 2005. Inoltre, il-Qorti tosserva li lanqas l-attrici ma kienet konvinta bil-genwinita' tal-weghda ta' l-attur. Dan jirrizulta manifest mill-fatt li fl-ebda stadju tal-proceduri ma ntalbet sospensjoni ta' l-istess, jew li l-Qorti giet informata li kien hemm transazzjoni, izda l-attrici halliet il-proceduri jkomplu proprju ghax ma kienitx certa mill-genwinita' tal-weghda tal-konvenut. Iz-zmien fil-fatt taha ragun, u l-proceduri tkomplew.

---

[2] Sottolinear tal-Qorti

F’ dawn ic-cirkostanzi, ghandu jirrizulta car li f’ dan il-kaz ma kienx hemm rikonciljazzjoni genwina, vera u proprja fit-termini ta’ l-Artikolu precitat, u ghalhekk il-koabitazzjoni bejn il-partijiet, volontarja izda temporaneja , fil-mori tal-proceduri mill-lat legali tikkostitwixxi biss tentattiv ta’ rikonciljazzjoni u xejn aktar; u ghalhekk ma twassalx ghall-estinzjoni ta’ l-azzjoni.

In fine hija opportuna l-osservazzjoni li fl-apprezzament tal-provi f’ dan ir-rigward, il-Qorti ghandha tkun kawta u taghti interpretazzjoni logika izda mhux ristrettiva tal-fatti migjuba quddiemha, ghax altrimenti tista’ tinholoq sitwazzjoni ngusta li parti li tkun provat issalva z-zwieg taghha billi tati spazju ghal tentattiv ta’ rikonciljazzjoni, issib ruhha affaccjata bl-effetti legali tar-rikonciljazzjoni, meta tali rikonciljazzjoni ma tkun qatt avverat ruhha.

**Kura u Kustodja**
Illi f’ dan ir-rigward il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni raggjunta mill-perit legali fir-rapport tieghu that l-intestatura “Kura u Kustodja” [pagna 9 tar-rapport - fol.107] u taddottah fl-intier tieghu.

**Manteniment**
Anke f’ dan ir-rigward il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-rapport tieghu; u konformament tikkonsidera li, rebus sic sBbus, retta alimentarja ta’ LM25 fix-xahar dovuta mill-konvenut ghal kull minuri hija gusta fic-cirkostanzi. Din ir-retta alimentarja mensili ta’ LM50 ghaz-zewg minuri ghandha tinqata’ direttament mid-dipartiment tas-servizzi socjali mill-assistenza percepita mill-konvenut.

Inoltre, il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghan-nuqqas tieghu li jhallas manteniment lill-attrici ghal minuri almenu mill-ahhar ta’ April 2005 li fiha l-attrici kellha terga’ titlaq mid-dar konjugali bil-konsegwenza li kellha tfendi ghar-rasha, bl-ghajnuna tas-servizzi socjali, ghaliha u ghaz-zewg minuri, ulied ukoll tal-konvenut; u konsegwentement huwa ghandu jhallas lill-attrici bhala arretrat ta’ manteniment minn April tas-sena 2005 sad-data ta’ dan il-gudizzju s-somma ta’ Lm975, rapprezenti

manteniment bir-rata ta’ Lm50 fix-xahar ghal 19 il-xahar u hmistax il-gurnata.

Id-dritt ta’ l-attrici ghal manteniment minghand zewgha jibqa’ affermat, izda l-kwantifikazzjoni tieghu tigi sospiza sakemm jirrizulta li dana jkun reggha beda jahdem bi qligh.

In propositu ghal dan it-talba, l-konvenut jeccepixxi wkoll li, gia la darba l-partijiet mhumiex parti fil-kawza, allura ma jistax jintalab manteniment ghall-ulied. Jinsab ritenut fil-gurisprudenza in propositu l,i nonostante li ma jkun hemm ebda talba ad hoc fl-att tac-citazzjoni ghal manteniment tal-minuri, xorta wahda l-Qorti ghandha s-setgha li tipprovdi dwar il-manteniment tal-minuri. Dan johrog car minn interpretazzjoni liberali ta’ l-Art.56[3]. “ … la darba l-Qorti nghatat espressament bil-ligi s-setgha li tipprovdi dwar il-kustodja ta’ l-ulied, anke fin-nuqqas ta’ talba ad hoc, allura isegwi li l-istess Qorti ghandha wkoll necessarjament is-setgha li tipprovdi ghall-manteniment tal-minuri minghajr talba ad hoc; dana billi, sprovvist minn tali manteniment, f’ hafna kawzi l-provvediment dwar kura u kustodja tal-minuri jkun, tista’ tghid, kompletament ineffikaci fil-prattika.”

**Kommunjoni ta’ l-Akkwisti**
Mill-provi jirrizulta li assi tal-komunjoni hemm ftit li xejn. Id-dar matrimonjali hija parafernali tal-konvenut; izda l-attrici qed issostni li hi ghandha tiehu minghand il-konvenut ammont komplessiv ta’ Lm2,100 flus parafernali li nefqet biex saru miljorament fid-dar matrimonjali u li jinsabu indikati fir-rapport tal-perit legali pagna 10 [fol.108].

Il-konvenut minn naha tieghu fl-affidavit tieghu, jghid li fid-dar matul iz-zwieg saru  biss il-bieb ta’ barra u l-kcina, u jghid li l-pagamenti inizjali “hadet hsiebhom” martu u l-ahhar paragmenti “hallasnihom flimkien”.[fol.80].

In propositu ghal dan il-kreditur pretiz mill-attrici, il-Qorti, filwaqt li tinnota li ma gewx prezentati ricevuti jew dokumenti li juru, b’ mod partikolari x’ hallset l-attrici, u

tenut kont ta’ dak li ammetta u dak li cahad il-konvenut, ukoll minghajr prova dokumentali u figuri precizi, ser tiddecidi din il-kwistjoni arbitrio boni viri billi tikkwantifika l-kreditu ta’ l-attrici fl-ammont ta’ Lm1,500.

Jirrizulta wkoll li t-tfal ghandhom zewg kotba tal-bank mal-HSBC u iehor mal-Bank of Valletta li fihom circa Lm1,000 il-wiehed. Il-Qorti tordna li dawn il-kotba jibqghu jigu amministrati konguntivament mill-kontendenti u jghaddu fuq it-tfal malli jghalqu t-tmientax il-sena. Inoltre, l-oggetti tad-deheb indikati mill-perit legali fl-ahhar paragrafu tar-rapport tieghu [pagna 9 – fol.108] ghandhom jigu mghoddija mill-konvenut lill-attrici sabiex tikkustodihom f’ isem it-tfal sakemm dawn isiru maggjorenni.

Illi permezz ta’ zewg noti prezentati rispettivament fil-25 ta’ Novembru 2005 u fl-20 ta’ Dicembru 2005 l-attrici elenkat l-oggetti parafernali taghha. Jidher li ma hemmx disgwid fuq dan il-punt. Ghalhekk l-oggetti indikati fil-paragrafu [3] ta’ l-ewwel nota [fol.84] u l-oggetti indikati fil-partiti [1][2][5] u [8] tat-tieni nota [fol.87] ghandhom jigu konsenjati lilha mill-attur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici kif ser jinghad:

[1] tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 Kap.16 kif fuq spjegat, u attribwibbli unikament lill-konvenut;

[2] tafda l-kura u kustodja tat-tfal minuri, D u E, lill-attrici; izda decizjonijiet straordinarji li jirrigwardaw l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri ghandhom jittiehdu konguntament bejn il-partijiet, u fin-nuqqas ta’ qbil, bl-intervent tal-Qorti; inoltre, l-attrici ghandha kull sena zzomm lill-konvenut informat bl-andament ta’ uliedhom fl-edukazzjoni.

Il-konvenut ikollu dritt ta’ access kull nhar ta’ Erbgha billi jigborhom hu wara l-iskola u jirritornahom did-dar ta’ l-

attrici fit-8.00 pm, filwaqt li nhar ta’ Hadd jigbor it-tfal mid-dar ta’ l-attrici fl-10.00am u jirritornahom fl-istess dar fis-6.00 pm. Fil-vaganzi tas-sajf, il-konvenut ghandu jara lit-tfal nhar ta’ Erbgha mill-10.00 am sas-6.00 pm, u nhar ta’ Hadd mill-10.00 am sas-6.00 pm. Il-konvenut ghandu wkoll jiehu lit-tfal alternattivament kull Milied, u l-ewwel tas-sena bejn 10.00 am sas-6.00 pm, u l-istess fil-birthday taghhom.

[3] tilqa’ t-tielet talba attrici kif ser jinghad, billi tiffissa r-retta alimentarja mensili ta’ hamsin lira maltin [LM50] ghaz-zewg minuri u li ghandha tinqata’ direttament mid-dipartiment tas-servizzi socjali mill-assistenza percepita mill-konvenut, u tintbaghat direttament l-attrici.

Inoltre, il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghan-nuqqas tieghu li jhallas manteniment lill-attrici ghal minuri almenu mill-ahhar ta’ April 2005 li fiha l-attrici kellha terga’ titlaq mid-dar konjugali bil-konsegwenza li kellha tfendi ghar-rasha, bl-ghajnuna tas-servizzi socjali, ghaliha u ghaz-zewg minuri ulied ukoll tal-konvenut; u konsegwentement huwa ghandu jhallas bhala arretrat ta’ manteniment minn April tas-sena 2005 sad-data ta’ dan il-gudizzju s-somma ta’ disa’ mija hamsa u sebghin lira maltin [Lm975].

Id-dritt ta’ l-attrici ghal manteniment minghand zewgha jibqa’ affermat, izda l-kwantifikazzjoni tieghu tigi sospiza sakemm u jekk jirrizulta li dana jkun reggha beda jahdem bi qligh.

[4] tilqa’ r-raba u l-hames talba attrici u tiddikjara l-komunjoni ta’ l-akkwisti xjolta u likwidata u tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta’ elf u hames mitt lira maltin [Lm1,500] kif fuq indikat; u li l-oggetti tad-deheb u rigali tat-tfal fuq indikati jigu mghoddija mill-konvenut lill-attrici sabiex tikkustodihom f’ isem it-tfal sakemm dawn isiru maggjorenni; inoltre tordna li l-flus fil-kontijiet bankarji li hemm fuq it-tfal, fl-HSBC u fil-BOV jibqghu jigu amministrati konguntivament mill-kontendenti u jghaddu fuq it-tfal malli jghalqu t-tmientax il-sena;

[5] tilqa' s-sitt talba u tordna li l-oggetti parafernali indikati fin-noti ta' l-attrici, kif fuq indikat, jigu konsenjati mill-konvenut lill-attrici kemm il-darba dawna ghadhom fil-pussess tieghu.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------